# SHAREHOLDERS' NEWS

**Malta Association of Minority Shareholders & Retail Investors**
**MASS VO 0629**
***Address: C/O Malta Stock Exchange Plc.***
***Garrison Chapel, Castille Place, Valletta VLT 1063 - Malta***
***website: mass.org.mt email: info@mass.org.mt***




## Editorjal *minn Tarcisio Barbara*



Għeżież Azzjonisti,

Nispera li tinsabu tajbin bħalma ninsabu aħna. Dan huwa t-tieni messaġġ tagħna għal din is-sena. Ix-xogħol tal-MASS jibqa' għaddej u, kif għedtilkom ix-xahar li għadda, diġà bdejna t-tħejjijiet għal-laqgħat ġenerali annwali tal-kumpaniji. Qed niltaqgħu mal-uffiċjali u l-maniġment tagħhom sabiex nisimgħu l-fehmiet tagħhom u, fl-istess ħin, nagħmlu s-suġġerimenti tagħna għall-ġid tal-azzjonisti kollha. Din is-sena wkoll diġà organizzajna numru ta' konferenzi dwar suġġetti attwali u ta' interess kemm għall-azzjonisti kif ukoll għall-investituri kollha.

Issa għandna l-preparamenti kollha lesti sabiex norganizzaw il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-MASS, li se ssir it-Tlieta 17 ta' Marzu 2026. Għaldaqstant, inħeġġukom minn issa biex tkunu ppreparati tattendu u tressqu s-suġġerimenti, il-kjarifiki, il-kritika u kwalunkwe mistoqsija li jista' jkollkom, sabiex inkomplu ntejbu l-qagħda tal-Assoċjazzjoni MASS u b'hekk tibbenefikaw intom, il-membri. Inkomplu nħeġġu wkoll sabiex aktar investituri żgħar isiru membri tal-MASS, biex inkomplu nikbru u nissaħħu. Nixtiequ wkoll li jkollna membri ġodda li jinnominaw ruħhom għall-Kumitat il-ġdid. F'din il-laqgħa se nippreżentaw ir-rapporti tas-soltu u, kif se taraw, il-MASS is-sena li għaddiet reġgħet kellha sena rekord f'dak li għandu x'jaqsam ma' laqgħat u impenji.

Intant, dan huwa t-tieni magażin ta' din is-sena, bħas-soltu mimli tagħrif u artikli interessanti. F'din in-Newsletter, numru 97 għal Frar 2026, issibu l-**Editorjal** miktub minni, Tarcisio Barbara, bħala Viċi-President u Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi tal-MASS. Wara ssibu l-**Impenji tal-MASS**, miktub minni wkoll, fejn qed nirrapportaw l-attivitajiet kollha li kellha l-MASS fix-xhur ta' Diċembru 2025 u Jannar 2026. Imbagħad hemm artiklu mill-MFSA: **"Smart Money Talks": L-Ishma, l-Għarfien Finanzjarju u r-Realtà Maltija,** bi tħejjija għall-*Global Money Week* li se tiġi organizzata madwar id-dinja fl-ewwel ġimgħat ta' Marzu. Issibu wkoll **Appell għal-Laqgħa Ġenerali tal-MASS**, miktub mill-President tal-MASS, Anthony Farrugia. Fl-aħħar, issibu ċ-**Ċirkolari-Avviż għal-Laqgħa Ġenerali Annwali (LĠA) tal-MASS 2026**, li se ssir fis-17 ta' Marzu 2026 fid-Danish Village, l-Għadira, il-Mellieħa. F'paġna 19 issibu wkoll l-**Avviżi**.

Nittamaw li, bħal dejjem, issibu din ir-rivista interessanti. Min-naħa tagħna nixtiequ nisimgħu l-kummenti tagħkom. Nixtieq ukoll, f'isem sħabi, nirringrazzja lill-għadd kbir ta' membri li kitbulna jew ċemplulna biex jirringrazzjawna, kif ukoll tawna l-appoġġ tagħhom biex inkomplu mexjin 'il quddiem. Min għandu xi artiklu li nistgħu nippubblikaw, jekk jogħġobkom għadduhulna. Nirringrazzjakom tal-appoġġ kontinwu tagħkom u nirringrazzja b'mod speċjali lill-i*sponsors* kollha li tarawhom fil-lista "**Companies Supporting the Malta Association of Small Shareholders (MASS)**" fl-aħħar paġna. Inrodd ħajr ukoll, f'isem il-MASS, lill-kontributuri kollha ta' dan il-fuljett.

---

***Disclaimer***
*L-artikli f'dan il-fuljett qed jiġu ppubblikati biss għal skop ta' informazzjoni u m'għandux jiġi interpretat bħala parir dwar investiment, legali jew fiskali, jew bħala rakkomandazzjoni biex tixtri, tbigħ, jew iżżomm xi sigurtà, strateġija ta' investiment jew settur tas-suq. Investituri prospettivi huma dejjem imħeġġa biex jikkonsultaw mal-Konsulent tal-Investiment tagħhom qabel ma jagħmlu investiment. Il-prestazzjoni tal-passat mhijiex garanzija ta' riżultati futuri, u l-valur tal-investimenti jista' jinżel kif ukoll jiżdied. Il-MASS ma taċċetta l-ebda responsabbiltà tkun xi tkun għal kwalunkwe spiża, telf jew danni li jirriżultaw minn, jew b'xi mod konness mal-użu ta' dawn l-artikli kollha jew xi parti minnhom.*

**Indirizz**

**Editur, ritratti u ssettjar: Tarcisio Barbara**
**Qari tal-Provi: Paul Callus**
**Disinn tal-Logo u Stampat:**
**Print Right Ltd. - Ħal Qormi**

***Kulma jinkiteb f'dan il-fuljett mhux bilfors jirrifletti l-fehma tal-Membri tal-Kumitat tal-MASS.***

**NEWSPAPERPOST**



# Impenji tal-MASS Diċembru 2025 u Jannar 2026

*Minn Tarcisio Barbara*

**Fit-3 ta' Diċembru 2025**, f'nofsinhar, saret laqgħa mal-Kap tal-Oppożizzjoni, Dr Alex Borg, fil-Lukanda Corinthia, Ħ'Attard. Għal din il-laqgħa attenda wkoll l-Inġinier Stanley Zammit, Deputat tal-Oppożizzjoni li bil-għajnuna tiegħu stess saret din il-laqgħa. Qabel il-laqgħa formali, b'kumbinazzjoni u fl-istess post, iltqajna wkoll ma' Dr Adrian Delia, li huwa x-*Shadow Minister* għall-Finanzi tal-Oppożizzjoni. Ma' Dr Delia ddiskutejna s-sitwazzjoni tas-suq lokali u l-problemi li qed jiffaċċjaw l-azzjonisti bħalissa. Huwa wera interess kbir f'dak li qsamna miegħu u ftehemna li fil-futur ikollna aktar kuntatti.









Il-laqgħa formali bdiet b'indirizz mill-President tal-MASS, is-Sur Anthony Farrugia, li rringrazzja lill-Inġinier Zammit għall-inizjattiva u l-organizzar tal-laqgħa, kif ukoll irringrazzja lil Dr Alex Borg għall-ħin li sab biex jiltaqa' magħna. Is-Sur Farrugia ta ħarsa ġenerali lejn l-Assoċjazzjoni MASS, inkluż kif bdiet, il-fatt li hija affiljata ma' Better Finance Europe, u s-sitwazzjoni tas-suq lokali, b'enfasi fuq id-daqqa li ħa ftit qabel il-pandemija tal-COVID-19.

Spjega li fil-Borża ta' Malta hemm madwar 70,000 kont, li l-maġġoranza tagħhom huma ta' pensjonanti, u li hemm 34 kumpanija elenkata. Tkellem ukoll dwar il-*listing rules*, inkluż ir-rekwiżit tal-*free float* ta' 25% u, f'ċerti każi, ta' 10%. Sar ukoll riferiment għas-suq tal-bonds lokali u s-suq *Prospects*, filwaqt li ġie nnutat li hemm 4 bonds li jinsabu f'sitwazzjoni prekarja. Intqal ukoll li fis-suq lokali m'hemmx *market maker*. Huwa żied li kienet l-Assoċjazzjoni MASS li ssuġġeriet l-introduzzjoni tal-*buy-back*, biex tiżdied il-likwidità fis-suq. Is-Sur Farrugia semma wkoll il-problemi tal-kumpaniji Malita u MIDI, kif ukoll il-bond tal-Malta Maritime Hub.

Tarcisio Barbara tkellem fit-tul dwar is-sitwazzjoni tal-kumpaniji Malita u MIDI. Anthony Farrugia kompla jagħmel paragun bejn is-suq kif kien fil-passat u kif inhu llum, u qal li l-Borża ta' Malta tgħin b'mod sinifikanti lill-Assoċjazzjoni billi tipprovdi uffiċċju, indirizz u appoġġ finanzjarju.

It-Teżorier, is-Sur Mark De Marco, tkellem fit-tul dwar il-problema tal-likwidità u enfasizza l-ħtieġa għal tibdil. Qal li l-MFSA għandha tirregola b'mod aktar effettiv il-kumpaniji. John Cachia rrimarka li r-regoli tal-*listing* huma favur l-azzjonisti maġġoritarji u ta eżempji ta' każijiet li kienu għaddejjin dak iż-żmien. Spjega wkoll li numru ta' diretturi għandhom ikunu nominati wkoll mill-azzjonisti minoritarji, u mhux biss mill-azzjonisti maġġoritarji, u li għandu jkun hemm rappreżentanza tal-azzjonisti minoritarji fuq il-bordijiet tal-kumpaniji. Huwa tkellem ukoll dwar il-kumpanija Malita, inklużi l-awdituri tagħha, u kif waslet għas-sitwazzjoni preżenti.

# Importers & Distributors of leading household brands.

## M&Z at a Glance

**Listed on Malta Stock Exchange**

**2,000+** Retail & Horeca Partners in Malta

**100+** Household Brands

**Serving Maltese Families for over 100 Years**

## BRAND PORTFOLIO

**A selection of our brands...**

## SHAREHOLDER PRIVILEGE PROGRAMME

**We're proud to continue rewarding our shareholders through the M&Z p.l.c. Shareholder Privilege Card**, offering exclusive, year-round discounts on groceries and other items via whatsinstore.com.mt

What's INSTORE

Apply for your shareholder privilege card by emailing **invest@mz.com.mt**

Terms & conditions apply.

**Exclusive to M&Z Shareholders**

**mz.com.mt**

Mark De Marco żied li l-indipendenza fuq il-bordijiet tad-diretturi ma teżistix, peress li m'hemmx rappreżentanza tal-azzjonisti minoritarji. Spjega li ċ-Ċermen ikollu l-voti tal-*proxies*, u li l-azzjonisti minoritarji qatt ma jkollhom iċ-ċans jaħtru direttur li jitkellem f'isimhom. Tkellem ukoll dwar it-*Third Pillar Pension* u dwar it-tassazzjoni.

Kevin Mizzi ppreżenta l-proposta li l-Assoċjazzjoni għamlet lill-awtoritajiet governattivi dwar Vision 2050 fir-rigward tal-finanzi u l-investimenti. Hawnhekk intervjena Dr Alex Borg u semma li, fir-rigward tal-investimenti, din kienet waħda minn 50 proposta li saru s'issa. Tarcisio lmenta dwar it-taxxa ta' 35% fuq id-dividendi, meta fuq il-bonds u l-kirjiet it-taxxa hija ta' 15%. Dr Borg reġa' intervjena u tkellem dwar it-tassazzjoni, il-*corporate tax* u l-krediti tat-taxxa. L-Inġinier Stanley Zammit osserva li ż-żgħażagħ illum qed jinvestu l-aktar fil-qasam tal-kostruzzjoni.

Mark De Marco reġa' għamel enfasi fuq il-bżonn li l-fondi jinvestu fil-kumpaniji elenkati, biex is-suq jerġa' jieħu spinta 'l fuq. Albert Azzopardi rrimarka li Malta għad m'għandhiex sistema ta' *ratings* għall-kumpaniji. Mary Farrugia lmentat li hemm kumpaniji li sena wara sena jibqgħu jiddikjaraw telf.

Il-laqgħa ħadet ħin sostanzjali. Dr Alex Borg sema' b'attenzjoni, ħa diversi noti u, fl-aħħar, wegħedna lil xulxin li nżommu kuntatt. Aktar tard, wara li nġabru l-minuti u s-suġġetti diskussi, dawn intbagħtu mill-MASS lill-Kap tal-Oppożizzjoni, lil Dr Adrian Delia u lill-Inġinier Stanley Zammit.

**Fid-9 ta' Diċembru 2025**, saret konferenza minn Better Finance, u s-Sur Albert Azzopardi, membru mill-Kumitat tal-MASS ipparteċipa onlajn għal din il-laqgħa. Sabiex tkun eżaminata l-problema u nifhmu kif l-Ewropa tista' ssaħħaħ id-difiżi tagħha kontra l-kriminalità finanzjarja, BETTER FINANCE ospitat konferenza ta' livell għoli: "Mill-Frodi għar-Responsabbiltà: Niġġieldu l-Kriminalità Finanzjarja madwar l-Ewropa". Din il-laqgħa saret fi State of Hessen fi Brussell.

Il-parteċipazzjoni fis-swieq tal-kapital tal-Ewropa qed tiġi sfidata minn numru kbir ta' *scams*, imġiba ħażina, u riskji sistematiċi li jiffaċċjaw l-investituri individwali u dawk li jfaddlu onlajn. B'riżultat ta' dan, il-fiduċja fis-swieq tal-kapital tal-Ewropa qed tkompli tonqos. Barra minn hekk, b'innovazzjonijiet diġitali ġodda mqanqla mill-AI, il-kriminalità finanzjarja aċċellerat, bil-frodisti jsiru dejjem aktar sofistikati. Sabiex jiġu miġġielda dawn ir-reati, ir-risposti regolatorji u ta' infurzar iridu jimxu mal-pass tal-iżviluppi.

**Fid-9 ta' Diċembru 2025**, wara nofsinhar, saret il-laqgħa tal-Kumitat tal-MASS, fil-Borża ta' Malta, il-Belt Valletta. [7 membri tal-Kumitat kienu preżenti u 2 skużati].

Peress li din il-laqgħa ma segwietx l-aġenda u ma ttiħdux minuti, saru biss diskussjonijiet u suġġerimenti dwar it-tiġdid tas-sit elettroniku tal-MASS, bil-ħsieb li jinbidel biex ikollna websajt aħjar. In-noti dwar il-bidliet li jeħtieġ li jsiru ttieħdu minn Olena Borg.

**Fis-17 ta' Diċembru 2025**, filgħaxija, saret il-108 konferenza tal-MASS fil-Lukanda Radisson, f'San Ġiljan. Is-suġġett tal-konferenza kien "Ħarsa lejn is-Suq Internazzjonali" (*Overview of the International Market*), u l-kelliem ewlieni kien is-Sur Mark Vella mill-APS Bank. Qabel il-bidu tal-laqgħa, ingħataw l-avviżi tal-assoċjazzjoni, kif ukoll informazzjoni dwar diversi suġġetti li kienu qed jiġu diskussi dak iż-żmien, fosthom dawk relatati mal-kumpaniji Malita, MIDI, u Lifestar. Saret ukoll diskussjoni bejn il-parteċipanti.



Hekk kif bdiet il-laqgħa formali, is-Sur Mark Vella ta ħarsa ġenerali lejn l-aħbarijiet ekonomiċi minn madwar id-dinja u mbagħad beda jispjega s-swieq internazzjonali pajjiż b'pajjiż. Huwa spjega kif, matul is-sena li għaddiet, id-dollaru naqas b'10 fil-mija. Tkellem ukoll dwar iż-żjieda fl-użu tal-AI (*Artificial Intelligence*), u sussegwentement għadda biex jiddiskuti l-previżjonijiet għas-sena 2026. Fl-aħħar nett, huwa spjega f'liema oqsma l-investituri jistgħu jinvestu permezz tal-APS Bank. Bħas-soltu, il-laqgħa ntemmet b'sessjoni ta' mistoqsijiet li wrew l-interess qawwi tal-parteċipanti fis-suġġett diskuss.







**Fit-18 ta' Diċembru 2025**, wara nofsinhar, delegazzjoni mill-Kumitat tal-MASS, kellha laqgħa mas-Segretarju Pastorali tad-Djoċesi ta' Malta, is-Sur Michael Pace Ross. Il-laqgħa, li saret fil-Kurja tal-Arċisqof f'Malta, saret fuq talba tal-MASS, sabiex nesploraw il-possibbiltà li jinħatar direttur f'isem l-azzjonisti minoritarji tal-Bank APS. Din it-talba saret sabiex, l-ewwel nett, ikun hemm rappreżentant tal-azzjonisti minoritarji fuq il-Bord tal-Bank, u barra minn hekk fid-dawl tal-fatt li l-*free float* tal-Bank issa żdied.

Matul il-laqgħa ddiskutejna diversi proposti marbuta ma' dan is-suġġett. Is-Sur Pace Ross, li huwa wkoll direttur tal-Bank APS, qalilna li huma jaqblu ma' din il-proposta. Madanakollu, min-naħa tagħna rridu nressqu persuna biex tapplika formalment, u din il-persuna mbagħad trid tgħaddi mill-proċess ta' skrutinju tal-awtoritajiet regolatorji kompetenti, kif isir dejjem. Barra minn hekk, trid tgħaddi wkoll mill-proċeduri ta' skrutinju tal-Bank, u jekk ikun hemm aktar nominazzjonijiet min-numru ta' pożizzjonijiet disponibbli, tkun trid issir elezzjoni.

**Fis-7 ta' Jannar 2026**, filgħodu, delegazzjoni mill-Kumitat tal-MASS kellha laqgħa mal-IHI, fl-uffiċċju tal-Corinthia, fil-Furjana. Min-naħa tal-kumpanija kien hemm l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, is-Sur Simon Naudi, id-Direttur, is-Sur Alfred Camilleri, u s-Segretarju tal-Kumpanija, is-Sur Stephen Bajada.



Is-Sur Naudi spjegalna li s-sena li għaddiet mistennija tagħlaq b'bilanċ tajjeb. Huwa qal li l-aħħar sitt xhur tas-sena kienu ferm aħjar mill-ewwel sitt xhur u, għaldaqstant, qed jistennew li jkunu laħqu l-miri li kienu stabbilew. Żied jgħid ukoll li issa l-lukandi se jibdew jirrendu aħjar. Dwar il-lukanda ta' Lisbona, spjega li n-negozjati għall-bejgħ tagħha mxew 'il quddiem tant li waslu fl-aħħar fażi. Intqal li l-IHI se żżomm 28% tal-lukanda, iżda se tkompli tmexxiha hi. Qed jittamaw li dan in-negozju jingħalaq fl-ewwel kwart ta' din is-sena. Fir-rigward tal-lukanda ta' Praga, in-negozjati għadhom għaddejjin. Fuq il-proġett ta' Ħal Ferħ, f'Għajn Tuffieħa, Malta, waslu fl-aħħar stadju u l-aħħar permess wasal fi tmiemu. Rigward l-applikazzjonijiet li saru biex jiżdiedu s-sulari fuq lukandi oħra f'Malta, dan sar sabiex ma jitilfux l-opportunità li 'l quddiem iżidu s-sulari.

Imbagħad intervjena l-President tal-MASS, is-Sur Anthony Farrugia, fejn ta l-istorja sħiħa tal-IHI mill-IPO tagħha. Huwa spjega li l-karta tal-bilanċ tal-kumpanija minn €100 miljun fil-bidu, illum tela' għal €1.7 biljun. Il-kumpanija kibret immens, iżda l-azzjonisti ftit li xejn irċevew dividendi matul dawn is-26 sena. Għaldaqstant, issuġġerixxa żewġ proposti: waħda kienet *buy-back* ta' €3 miljun bi prezz raġonevoli. F'dan il-kuntest, is-Sur Farrugia ta lista sħiħa tan-negozju li sar fuq l-ishma tal-kumpanija fil-Borża ta' Malta matul is-snin. It-tieni proposta kienet li l-kumpanija tikkonverti l-ishma tagħha f'*preference shares* b'interess ta' 5%.

Fl-aħħar nett, is-Sur Naudi qal li se jikkunsidraw dawn il-proposti flimkien ma' oħrajn u li f'Marzu jerġgħu jiltaqgħu biex ikomplu jiddiskutu.

**Fis-7 ta' Jannar 2025**, filgħaxija, saret il-109 konferenza tal-MASS fil-Borża ta' Malta, il-Belt Valletta. Is-suġġett tal-konferenza kien "Ħarsa lejn is-Suq Lokali" (*Overview of the Local Market*), u l-kelliem ewlieni kien is-Sur Mark Vella mill-APS Bank.







Qabel il-bidu tal-laqgħa, ingħataw l-avviżi tal-assoċjazzjoni, kif ukoll informazzjoni dwar diversi suġġetti li dak iż-żmien kienu qed jiġu diskussi, fosthom dawk relatati mal-kumpaniji Malita Investments plc, MIDI plc, LifeStar Insurance plc u dwar l-aħħar laqgħa li saret mal-kumpanija International Hotel Investments plc (IHI). Saret ukoll diskussjoni interattiva bejn il-parteċipanti.

Meta bdiet il-parti formali tal-laqgħa, is-Sur Mark Vella ta ħarsa ġenerali lejn l-ekonomija Maltija, fejn enfasizza ż-żjieda qawwija fit-turiżmu. Sussegwentement, għadda biex janalizza s-suq Malti, billi l-ewwel tkellem dwar is-suq tal-ishma u wara dwar il-bonds. F'dan il-kuntest, ippreżenta analiżi ta' kif żviluppaw il-bonds mill-2016 sal-2025, u spjega li s-sena l-oħra kienet sena rekord għall-ħruġ ta' bonds. Imbagħad iddiskuta x'qed jiġi mistenni għas-sena 2026, u qasam il-fehmiet tagħhom dwar l-attività fil-Borża ta' Malta. Huwa temm il-preżentazzjoni tiegħu b'żewġ kwotazzjonijiet ta' Warren Buffett: "Ir-riskju jiġi milli ma tkunx taf x'int qed tagħmel" u "Xi ħadd qiegħed bilqiegħda fid-dell illum għax xi ħadd ħawwel siġra żmien twil ilu."

Bħas-soltu, il-laqgħa ntemmet b'sessjoni ta' mistoqsijiet li wriet l-interess qawwi tal-parteċipanti fis-suġġett diskuss. Il-preżentazzjoni li saret intbagħtet lill-membri tal-MASS permezz ta' imejl ftit jiem wara l-konferenza.

**Fid-9 ta' Jannar 2026**, wara nofsinhar, żewġ membri mill-Kumitat tal-MASS kienu mistiedna mill-Bank Ċentrali ta' Malta għal bibita li tiġi organizzata kull sena fil-bini tal-Bank Ċentrali, fil-Belt Valletta. Din is-sena l-istedina saret lill-President tal-MASS, is-Sur Anthony Farrugia, kif ukoll lill-President Onorarju tal-MASS, is-Sur Alfred Portelli.




Kif dejjem ngħidu, dawn l-okkażjonijiet iservu ta' opportunità importanti għall-MASS biex isiru diversi kuntatti. Fil-fatt, waqt din il-bibita, il-President tal-MASS qajjem diversi punti ma' numru ta' personalitajiet mill-MFSA. Barra minn hekk, kellu diskussjoni ma' Direttur tal-kumpanija Malita dwar is-sitwazzjoni preżenti ta' din il-kumpanija. Il-President tkellem ukoll maċ-Ċermen tal-Bank HSBC, is-Sur Manfred Galdes, kif ukoll maċ-Ċermen tal-Bank APS, is-Sur Martin Scicluna. Kuntatti oħra saru mas-Sur Simon Zammit, Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Borża ta' Malta, kif ukoll mas-Sur Joseph Said, Ċermen tal-kumpanija MaltaPost.

**Fl-14 ta' Jannar 2026**, wara nofsinhar, delegazzjoni mill-Kumitat tal-MASS kellha laqgħa ma' APS Bank fil-kwartieri tiegħu fis-Swatar. Għan-naħa tal-bank attendew iċ-Ċermen, is-Sur Martin Scicluna, l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, is-Sur Marcell Cassar, kif ukoll is-Segretarja tal-Bord, Dr Graziella Bray. Il-laqgħa saret sabiex inkomplu nesploraw il-possibbiltà ta' ħatra ta' direttur f'isem l-azzjonisti minoritarji tal-bank.



Qabel bdiet il-laqgħa formali, min-naħa tal-MASS tajna l-prosit lill-Bord u lis-Segretarja talli ppubblikaw il-kalendarju tal-avvenimenti tal-bank għal din is-sena. Fakkarna li din kienet proposta li l-MASS ilha tissuġġerixxi lill-kumpaniji, u esprimejna s-sodisfazzjon tagħna li kumpaniji oħra, qed jadottaw din il-prattika u jippubblikaw il-kalendarju tal-avvenimenti tagħhom. Min-naħa tal-bank intqal li qed joħorġu diversi *market briefings* biex iżommu s-suq informat, u dwar dan saret diskussjoni.

Is-Sur Anthony Farrugia tkellem dwar is-suq inġenerali, li bħalissa mhux miexi tajjeb. Qal li biex jiżdied in-negozju fil-Borża hemm bżonn ta' *new money*, pereżempju permezz tal-investiment ta' *Third Pillar Pensions* fis-suq lokali. Huwa ssuġġerixxa wkoll l-introduzzjoni ta' *scrip dividend* għal min jixtieq, sabiex il-karta tal-bilanċ tkompli tissaħħaħ.

Is-Sur Cassar osserva li jridu joqogħdu attenti fir-rigward ta' *scrip dividend*, għaliex jekk il-prezz tas-sehem ikun skontat, dan jista' jibgħat messaġġ li dak huwa l-prezz reali tas-sehem u sussegwentement iwassal għal tnaqqis fil-prezz. Rigward *share buy-back*, qal li bla dubju din hija miżura li se tiġi kkunsidrata. Ġie mħabbar ukoll li fit-12 ta' Marzu se jiġu ppubblikati r-riżultati finanzjarji tas-sena li għaddiet.Tkellimna wkoll dwar il-bonds, u ġie enfasizzat li sa issa l-bank dejjem ħallas id-dividend kemm interim kif ukoll dak finali.

Dwar il-ħatra tad-diretturi, esprimejna x-xewqa tagħna li jkollna s-sapport tal-bank sabiex fuq il-Bord ikun hemm direttur li jirrappreżenta lill-azzjonisti minoritarji. Saret diskussjoni dettaljata dwar dan is-suġġett, u ġie kkwotat il-*Memorandum and Articles of Association* fir-rigward tan-nominazzjonijiet għad-diretturi tal-bank.

Intqal li kull min għandu 8% tal-ishma għandu d-dritt jaħtar direttur permezz ta' ittra formali. Barra minn hekk, azzjonisti oħra (*freefloat*), għandhom ukoll id-dritt li jinnominaw diretturi tagħhom permezz tal-ishma tagħhom. Il-perijodu tan-nominazzjonijiet ikun lejn l-aħħar ta' Jannar u fil-bidu ta' Frar, u jdum għaxart ijiem minn meta tinħareġ is-sejħa. Min jinnomina kandidat irid ikollu appoġġ totali ta' 50,000 sehem. Wara, il-kumitat tan-nominazzjonijiet jagħmel l-assessjar tal-persuna nominata, u sussegwentement l-MFSA twettaq il-proċess tagħha sabiex tivverifika li l-kandidat ikun *fit and proper*. Dan il-proċess jinkludi mistoqsijiet u verifika tal-kwalifiki u l-esperjenza tal-persuna. Jekk il-kandidat jgħaddi minn dan il-proċess, jista' jkun hemm ukoll elezzjoni.

Lejn l-aħħar tal-laqgħa ntqal li l-bank ilu 115-il sena mwaqqaf u li matul l-aħħar 3 jew 4 snin għamel qabżiet kbar. Ġie mfakkar li l-Knisja naqqset il-preżenza tagħha fil-bank, u wara r-*rights issue* żdiedu madwar 200 azzjonist ġdid. Illum il-pubbliku għandu bejn 46% u 47% tal-ishma kollha tal-bank. Intqal li dan juri li l-bank mexa fid-direzzjoni opposta ta' kumpaniji oħra u huwa messaġġ ċar ta' kemm infetaħ għall-benefiċċju tal-azzjonisti.

Fl-aħħar nett, ġie ssuġġerit li aħna nipproponu xi ismijiet fil-*pool* tan-nominazzjonijiet għad-diretturi, sabiex ikunu jistgħu jibdew jiġu kkunsidrati. Qabel il-Bord kien magħmul minn 9 diretturi, iżda issa dawn żdiedu għal 11. Għal din iż-żjieda kienet saret sejħa pubblika, u ntqal li din kienet l-ewwel darba li saret f'Malta.



**Fit-18 ta' Jannar 2026**, f'nofsinhar, saret l-ikla annwali tal-Kumitat tal-MASS. Bħas-soltu, din l-attività ġiet organizzata fir-Radisson Blu Resort, f'San Ġiljan, post li joffri ambjent eleganti u adattat għal okkażjonijiet ta' dan it-tip. L-ikla annwali hija attività importanti fil-kalendarju tal-Kumitat, peress li tipprovdi opportunità sabiex il-membri jiltaqgħu flimkien barra mill-kuntest formali tal-laqgħat regolari. Flimkien mal-mistiedna tagħhom, huma setgħu jqattgħu ħin ta' kwalità f'atmosfera rilassata u kordjali, li tħeġġeġ id-djalogu u ssaħħaħ ir-relazzjonijiet bejniethom.

Matul l-ikla, ġew diskussi diversi suġġetti ta' interess u kwistjonijiet attwali marbuta mal-ħidma tal-Kumitat u mal-iżviluppi riċenti fis-settur. L-iskambju ta' fehmiet u ideat sar b'mod miftuħ u kostruttiv, u ta lok għal riflessjoni u ppjanar għall-perijodu li ġej. Din l-okkażjoni reġgħet ikkonfermat l-importanza tal-għaqda u l-kollaborazzjoni bejn il-membri, filwaqt li saħħet l-ispirtu ta' ħidma f'tim li huwa essenzjali biex il-Kumitat ikompli jwettaq il-missjoni tiegħu b'suċċess.

**Fid-19 ta' Jannar 2026**, wara nofsinhar, membru mill-Kumitat tal-MASS attenda laqgħa organizzata mill-Malta Financial Services Authority (MFSA) flimkien mal-Borża ta' Malta (MSE), dwar it-"Titjib tal-Għarfien Finanzjarju". Il-laqgħa saret fis-sala tal-Borża ta' Malta, fil-Belt Valletta. Matul il-laqgħa, kelliema mill-MFSA u mill-Borża ta' Malta spjegaw il-funzjonijiet ewlenin taż-żewġ entitajiet, l-entitajiet soġġetti għas-sorveljanza tal-








MFSA, kif ukoll ir-rwol u l-funzjoni tal-Borża ta' Malta fis-suq finanzjarju. Matul is-sessjoni ngħatat informazzjoni dwar diversi suġġetti finanzjarji, u kienet indirizzata prinċipalment lejn persuni li m'għandhomx għarfien biżżejjed f'dan il-qasam. Għal din il-laqgħa attendew ukoll persuni neqsin mis-smigħ; għaldaqstant, kienet ipprovduta traduzzjoni bil-lingwa tas-sinjali.

**Fil-21 ta' Jannar 2026**, wara nofsinhar, delegazzjoni mill-Kumitat tal-MASS kellha laqgħa mal-kumpanija Loqus, fl-uffiċini tagħha f'San Ġwann. Min-naħa tal-kumpanija attendew l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, is-Sur Joseph Fenech Conti, kif ukoll l-Uffiċjal Kap Finanzjarju, is-Sa Marie Claire Portelli. Is-Sur Joseph Fenech Conti spjega li 75% tax-xogħol tal-kumpanija jsir barra minn Malta. Waħda mill-kumpaniji li taħdem magħhom f'Malta hija LESA,

li ilhom jikkollaboraw magħha għal 25 sena. Qal li bħalissa qed jaħdmu biex ikomplu jikbru bil-għan li, meta jasal iż-żmien, ibigħu l-kumpanija. L-objettiv tagħhom huwa li jaqbżu l-€15-il miljun fi dħul.

LOQUS®
BUSINESS INTELLIGENCE

Ir-riżultati tal-ewwel kwart tas-sena kienu tajbin ħafna, u mistenni li l-ewwel nofs tas-sena jkun wieħed pożittiv. Il-kumpanija m'għandhiex politika ta' dividendi u ma tqassamx dividendi. L-offerta volontarja (*voluntary bid*) li saret dan l-aħħar kienet ta' suċċess, u bħalissa s-Sur Fenech Conti għandu 59.6% tal-ishma tal-kumpanija. Huwa żied jgħid li se jkompli jixtri ishma mis-suq sakemm jilħaq 75%, u wara joħroġ offerta volontarja oħra. Fakkar ukoll li 15% tal-ishma huma proprjetà ta' GO, u għaldaqstant il-*free float* jinsab madwar 15%. L-intenzjoni hija li jixtri l-kumplament tal-ishma u l-kumpanija ma tibqax elenkata fis-suq. Intqal ukoll li l-kumpanija ilha tuża l-Intelliġenza Artifiċjali (AI) għal 13-il sena. Spjega li rnexxielhom iżidu d-dħul mingħajr ma żiedu l-ispejjeż.

Fl-aħħar, ġie nnutat li l-kumpanija għandha madwar 1,000 azzjonist u 160 impjegat, li 75% minnhom huma Maltin.

**Fil-21 ta' Jannar 2026**, wara nofsinhar, saret il-laqgħa tal-Kumitat tal-MASS, fil-Borża ta' Malta, il-Belt Valletta. [8 membri tal-Kumitat kienu preżenti u waħda skużata].



Il-laqgħa bdiet fl-4.00 pm skont l-aġenda li ġejja:

1. Qari tal-minuti tal-aħħar laqgħa
2. Riżultati mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Riżultati tal-Laqgħat u Żjarat li saru
5. Laqgħa Annwali u Konferenzi ta' Better Finance
6. LĠA tal-MASS
7. Konferenza GRC & ESG 2026
8. Laqgħat u Konferenzi li jmiss
9. Affarijiet Oħra

MALTA ASSOCIATION OF MINORITY SHAREHOLDERS & RETAIL INVESTORS
MASS

moneybase

Premium investing, with **ultra low fees** on the Malta Stock Exchange.

**IPOs**
**No fees.**

**Stocks & Bonds**
From €1.25, max 0.1%.

**Treasury Bills**
From €9.99, max 0.05%.




Calamatta Cuschieri | moneybase

This is a marketing communication. The value of investments may go up as well as down and investors might not get back the original amount invested. All rates available on moneybase.com/invest/stocks/. Calamatta Cuschieri Investment Services Ltd (CCIS) C13729 is licensed by the MFSA to provide investment services under the Investment Services Act. CCIS registered address at Level 0, Ewropa Business Centre, Dun Karm Street, Birkirkara BKR 9034, Malta.

**1. Qari tal-Minuti**

Fin-nuqqas ta' Mary Farrugia, l-Assistent Segretarju ġie nkarigat li jżomm il-minuti ta' din il-laqgħa u jaqra l-minuti tal-aħħar żewġ Laqgħat tal-Kumitat tal-MASS tat-12 ta' Novembru 2025 u tad-9 ta' Diċembru 2025. Peress li l-aħħar laqgħa ma segwietx l-Aġenda, ma ttieħdux minuti. L-uniku proċediment kien diskussjonijiet u suġġerimenti għal tiġdid tal-websajt tal-MASS. Noti dwar il-bidliet li għandhom isiru kienu ttieħdu minn Olena Borg.

**2. Riżultati mill-Minuti Fondi tal-MCVS (CSF)**

Il-membri talbu aġġornament dwar l-applikazzjoni għall-fondi ppreżentata mill-MASS. L-applikazzjoni għadha qed tiġi pproċessata mill-MCVS u r-riżultati mistennija jiġu ppubblikati dalwaqt. Ir-riżultati ppubblikati, kemm jekk aċċettati kif ukoll jekk miċħuda, se jinkludu wkoll ir-raġunijiet għad-deċiżjoni u x'mezzi ta' rimedju huma disponibbli.

**Żjarat tal-MASS lil Kumpaniji Elenkati**

Tarcisio Barbara informa lill-membri li l-MIDI approvat żjara f'Manoel Island għall-membri tal-MASS. Huwa se jistaqsi jekk jistax jiġu organizzati xi *refreshments* għal dawk li jattendu. Ma tqiegħed l-ebda limitu fuq in-numru ta' persuni li jistgħu jattendu.

Kevin Mizzi informa lill-membri li ż-żjara tal-BOV ġiet posposta għal April. Huwa ssuġġerixxa wkoll żjara lill-Bank Ċentrali ta' Malta. Tarcisio Barbara ssuġġerixxa żjara ta' MaltaPost inkluża żjara fil-Mużew tagħha u oħra fl-APS Bank Hub fis-Swatar.

**Websajt tal-MASS**

Tarcisio Barbara informa lill-membri li l-MSE aċċettat li ddaħħal il-*captions* u *link* tal-MASS issuġġeriti fuq il-websajt tagħhom.

**Laqgħa mal-Ministru tal-Finanzi**

Il-membri tal-MASS li attendew il-laqgħa taw ħarsa ġenerali u rrappurtaw li kienet inkonklużiva, peress li l-Ministru ma ħax pożizzjoni ċara. Mark De Marco sostna li l-MASS għandha tagħmel aktar pressjoni fuq l-MFSA, peress li hija l-Awtorità li tirregola l-Kumpaniji Elenkati u dawn għandhom jiġu ssorveljati aħjar.

**Laqgħa ma' Malita Plc**

Riċentement inħatar Ċermen u CEO ġdid u l-MASS għadha qed tistenna risposta dwar data possibbli għal laqgħa. Tarcisio Barbara tkellem ma' Dr Robert Suban (Direttur ta' Malita Plc) li infurmah li laqgħa se tiġi stabbilita fil-jiem li ġejjin. Tarcisio Barbara se jibgħat tfakkira oħra f'dan ir-rigward.

**Polza ta' Assigurazzjoni għall-Membri tal-Kumitat**

Mark De Marco kien tal-opinjoni li l-Membri tal-Kumitat tal-MASS ma għandhomx riskji identifikati u għalhekk, skont hu, ma kienx hemm bżonn ta' Polza ta' Assigurazzjoni. Din il-proposta ma ġietx esplorata aktar.

**Konferenza GRC u ESG 2026**

Din se ssir fl-4 u l-5 ta' Marzu u ġew ipprovduti żewġ biljetti b'xejn lill-MASS. Mark De Marco u John Cachia indikaw ir-rieda tagħhom li jattendu bħala kelliema fil-Konferenza. Kevin Mizzi informa lill-membri li applika għal-*leave* għal dan l-avveniment u jixtieq jattendi wkoll. Tarcisio Barbara informa li se jipprova jakkwista biljett ieħor b'xejn u jekk dan ma jkunx possibbli, il-MASS tħallas għall-attendenza ta' Kevin Mizzi.



**Fondi tal-MCVS (SIS)**
Il-membri esploraw il-possibbiltà li japplikaw għal dawn il-fondi għal Konferenza ta' Better Finance f'Ottubru 2027 u stedina lil Better Finance biex torganizza l-konferenza tal-2028 f'Malta.

**Laqgħa mal-Kap tal-Oppożizzjoni Dr Alex Borg u Dr Adrian Delia**
Il-punti ewlenin tal-laqgħa ntbagħtu lill-Kap tal-Oppożizzjoni u r-risposta ġiet iċċirkolata lill-Membri tal-Kumitat.

**Aġġornament dwar Sponsors**
Tarcisio Barbara ta aġġornament dwar l-i*sponsorships* li nġabru.

**Ikla Annwali tal-Kumitat**
L-ikla annwali għall-Membri tal-Kumitat u l-konjuġi tagħhom saret b'suċċess fir-Radisson Blu San Ġiljan fit-18 ta' Jannar 2026.

**3. Korrispondenza**
Il-korrispondenza riċevuta u mibgħuta diġà ġiet iċċirkolata lill-Membri tal-Kumitat.

**4. Riżultati tal-Laqgħat li saru**
Saret laqgħa bejn Olena Borg u l-*host* tal-websajt tal-MASS. Ir-riżultat kien li l-websajt kellha terġa' tinħoloq mill-bidu. Inġabret kwotazzjoni għad-disinn il-ġdid minn Alphatech Solutions għall-ammont fiss ta' €800 eżenti mill-VAT. Dan ġie approvat mill-Membri tal-Kumitat.

**5. Laqgħa Annwali u Konferenzi ta' Better Finance**
Din se ssir f'Reykjavik, l-Islanda bejn is-17 u d-19 ta' Ġunju 2026. Il-MASS trid tivverifika l-prezzijiet tal-lukandi u tat-titjiriet minn qabel, iżda b'mod ġenerali l-kumitat kien tal-opinjoni li għandna nipparteċipaw kull sena mal-kontropartijiet tagħna fl-Ewropa. Kevin Mizzi ġie nkarigat jikkuntattja lil BETTER FINANCE u jistaqsi dwar il-possibbiltà li tospita l-konferenza tal-2028 f'Malta.

**6. Laqgħa Ġenerali Annwali tal-MASS**
Kontijiet abbozzati għandhom jiġu ppreparati minn Mark De Marco għal diskussjoni u approvazzjoni mill-kumitat. Rapport amministrattiv u l-minuti tal-aħħar LĠA għandhom jiġu ppreparati mis-Segretarja Mary Farrugia. Dawn għandhom jiġu ppreparati fil-ħin peress li l-MCVS teħtieġ li r-ritorni annwali, inklużi l-kontijiet u r-rapport amministrattiv, iridu jiġu sottomessi sal-31 ta' Marzu 2026. Saru diskussjonijiet dwar id-data tal-LĠA, il-post u r-riċeviment.

**7. Konferenza GRC & ESG**
Diġà ġiet diskussa fil-minuti tal-laqgħa preċedenti.

**8. Laqgħat u Konferenzi li jmiss**
Il-Konferenza li jmiss tal-MASS se ssir fis-17 ta' Frar. Is-suġġett magħżul huwa "Ir-Riskju tal-Bonds". Il-kelliem diġà ġie magħżul, iżda l-post għad irid jiġi deċiż bejn il-Borża ta' Malta, il-Belt Valletta u r-Radisson Blu St. Julians.

**9. Affarijiet Oħra**
Tarcisio Barbara informa lill-Kumitat li kellu problema ta' ħażna ta' data fuq il-komputer tiegħu, prinċipalment minħabba n-numru kbir ta' ritratti u dokumenti maħżuna. Għal din ir-raġuni kellu bżonn jixtri *external drive* biex jittrasferixxi parti mid-data fuqha. Il-Kumitat approva x-xiri ta' *external drive* biex tintuża minn Tarcisio Barbara.

Ġiet esplorata l-possibbiltà ta' t-tieni laqgħa mal-Ministru tal-Finanzi.

Il-President issuġġerixxa li l-Membri tal-Kumitat għandhom jingħataw rimborż għal spejjeż li jkunu qed jagħmlu relatat max-xogħol tal-MASS.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.30 pm.

*Anthony Farrugia*
President

*John Cachia*
Assistent Segretarju

**Fit-22 ta' Jannar 2025**, filgħaxija, membru mill-kumitat tal-MASS, attenda għall-konferenza organizzata minn Calamatta Cuschieri Stockbrokers, fl-uffiċċji tagħhom f'Birkirkara. Dettalji u rapport ta' din il-konferenza ngħataw fil-ħarġa ta' qabel.

**Fit-23 ta' Jannar 2025**, filgħodu, xi membri tal-Kumitat tal-MASS attendew il-Laqgħa Ġenerali Annwali ta' Loqus, li saret fil-Kamra tal-Kummerċ, il-Belt Valletta. Fl-introduzzjoni, is-Sur Walter Bonnici, Ċermen tal-Kumpanija, fetaħ il-laqgħa u spjega kif kienet se titqassam l-aġenda, imbagħad għadda messaġġ qasir tiegħu.



Wara, l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-kumpanija, is-Sur Joe Fenech Conti, għamel preżentazzjoni li bdiet bir-riżultati finanzjarji. Huwa qal li d-dħul kompla jiżdied u li l-profitt beda jirkupra wara t-telf tas-sena li għaddiet. Id-dħul żdied b'9% għal €12.9 miljun, filwaqt li l-profitt qabel it-taxxa kien ta' €220,000. Żied jgħid li bħala xogħol bħalissa qed isiru 33 miljun tranżazzjoni kull xahar.

Spjega li l-għan tal-kumpanija huwa li żżid il-valur tagħha. Għal dan il-għan, qed jitnaqqsu l-ispejjeż u bħalissa l-kumpanija għandha 152 impjegat minn 19-il nazzjon. Hawnhekk ġie nnutat li l-għadd ta' impjegati naqas. Tkellem ukoll dwar ix-xogħol li għaddej, fejn il-kumpanija qed tkompli tinvesti, tagħmel titjib u tfittex li żżid il-bażi tal-klijenti kif ukoll tespandi s-swieq tagħha. Il-klijenti ta' Loqus huma fost l-akbar fid-dinja u l-kumpanija topera f'20 pajjiż. Spjega wkoll l-isfidi attwali, u rrefera għall-istruttura tal-ishma, fejn qal li personalment issa għandu 59.36% tal-ishma wara l-offerta volontarja li saret.




Aktar tard saret sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet. Fost il-mistoqsijiet kien hemm dawk relatati mad-dejn tal-kumpanija, inkluż dejn ta' €1.4 miljun li kien qed jitħallas b'rata ta' 8% imgħax. Is-Sur Fenech Conti spjega li nofs id-dejn diġà tħallas u li l-intenzjoni hija li matul din is-sena jitħallas kollu. Fir-rigward tal-politika tad-dividendi, intqal li bħalissa m'hemmx *dividend policy* stabbilita, peress li l-għan ewlieni huwa li l-kumpanija tkompli tikber bil-ħsieb li eventwalment tinbiegħ. Qabel dan, però, jixtiequ jirduppjaw id-daqs tan-negozju. Intqal ukoll li l-kumpanija m'għandhiex proprjetà u li 75% tad-dħul ġej mir-Renju Unit, 20% minn Malta, u l-bqija minn 18-il pajjiż ieħor.

Fl-aħħar nett, inqraw it-tliet riżoluzzjonijiet li kollha għaddew, u saret il-ħatra tad-diretturi.

**Fid-29 ta' Jannar 2025**, filgħaxija, il-membri tal-Kumitat tal-MASS flimkien mas-sieħba tagħhom, ġew mistiedna għall-avveniment annwali organizzat mill-bank HSBC. Din id-darba, l-attività saret fil-kumpless MICAS, ġewwa l-Furjana. L-attività bdiet bi żjara gwidata madwar il-kumpless kollu, fejn ingħatawlna spjegazzjonijiet dettaljati dwar ix-xogħlijiet tal-arti esebiti.











Din iż-żjara kienet tassew interessanti, speċjalment meta wieħed jara kif dan il-post storiku qalb is-swar, inbidel fi proġett kulturali kbir u impressjonanti.

Wara, segwa riċeviment fejn il-membri tal-Kumitat tal-MASS kellhom l-opportunità jitkellmu ma' diversi mistiedna, fosthom diretturi minn bordijiet ta' kumpaniji elenkati fil-Borża ta' Malta. B'mod partikolari, kellna diskussjonijiet ma' membri tal-maniġment tal-bank, fejn stajna naqsmu l-fehmiet u x-xewqat tagħna fir-rigward tas-sitwazzjoni preżenti, hekk kif il-bank bħalissa jinsab fil-proċess li jinbiegħ lil CrediaBank.







Matul l-attività saru wkoll diversi diskorsi, kemm min-naħa tal-bank HSBC, kif ukoll min-naħa ta' CrediaBank, fejn ġew indirizzati l-iżviluppi kurrenti u l-viżjoni għall-futur. Iċ-Ċermen tal-bank, Dr Manfred Galdes, enfasizza li filwaqt li qed nippreparaw għall-bidla, l-impenn tagħna lejn l-azzjonisti jibqa' l-istess. Il-prijorità tagħna hija li niżguraw transizzjoni bla xkiel, kontinwità tan-negozju, u li nżommu l-istandards għoljin ta' servizz u r-relazzjonijiet ta' fiduċja matul u lil hinn mill-proċess tat-transazzjoni.

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-bank, is-Sur Geoffrey Fichte, ikkonferma mill-ġdid li l-bank HSBC Malta plc, jibqa' kompletament miftuħ għan-negozju. Din it-trasformazzjoni, mistennija tieħu madwar sena suġġetta għall-approvazzjonijiet





regolatorji, hija pass ieħor fil-vjaġġ tagħna flimkien. It-timijiet tagħna jibqgħu ffukati biex jappoġġjaw lilkom, lin-negozju tagħkom u l-ħtiġijiet finanzjarji personali tagħkom, bl-istess approċċ ibbażat fuq relazzjonijiet li tesperjenzaw illum. In-nies li taħdmu magħhom u l-fiduċja li tiddependu fuqha, se jibqgħu ċentrali kemm issa kif ukoll wara t-transizzjoni. It-tim u jiena ninsabu eċċitati ħafna dwar dan il-kapitlu li jmiss ta' tkabbir u titjib ma' CrediaBank.

Is-Sa Eleni Vrettou, l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' CrediaBank, qasmet viżjoni li tħares 'il quddiem ibbażata fuq il-kontinwità, investiment fit-teknoloġija u fil-prodotti, kapaċitajiet diġitali msaħħa, fergħat modernizzati f'lokalitajiet ġodda u eżistenti, flimkien ma' esperjenza tal-klijent aktar sempliċi, flessibbli u mmexxija mir-relazzjonijiet madwar il-bank, l-assigurazzjoni u l-kumpaniji tal-ġestjoni tal-assi tagħna. Il-mudell futur huwa sostnut minn saħħa finanzjarja u intenzjoni ċara li nibnu fuq il-wirt tal-bank, filwaqt li nappoġġjaw it-tkabbir fl-ekonomija ta' Malta.

## "Smart Money Talks": L-Ishma, l-Għarfien Finanzjarju u r-Realtà Maltija

***Minn Stephanie Buhagiar Camilleri: Senior Technical Expert, Capital Markets Supervision, MFSA***

F'pajjiż żgħir iżda dinamiku bħal Malta, id-djalogu dwar il-finanzi personali u l-investiment qiegħed isir dejjem aktar importanti. L-aħħar snin wrew li l-Maltin qed juru interess akbar fl-ishma, fil-fondi u f'mezzi oħra ta' investiment, kemm bħala mezz ta' tfaddil fit-tul, kif ukoll bħala opportunità biex jipparteċipaw fit-tkabbir tal-ekonomija lokali. F'dan il-kuntest, *Global Money Week* tasal fi żmien opportun, u toffri spazju biex nirriflettu fuq kemm aħna verament infurmati dwar id-deċiżjonijiet finanzjarji tagħna.

### *X'inhi Global Money Week?*

*Global Money Week* hija kampanja internazzjonali mmirata biex tippromwovi l-edukazzjoni finanzjarja u ssaħħaħ il-kapaċità tan-nies sabiex jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar il-flus tagħhom. L-inizjattiva, li tiġi ċċelebrata f'aktar minn 170 pajjiż, tħeġġeġ lill-individwi – speċjalment żgħażagħ u investituri ġodda – biex jifhmu aħjar kif jaħdmu s-swieq, x'inhuma r-riskji u l-opportunitajiet, u kif jistgħu jieħdu deċiżjonijiet responsabbli. Din is-sena, it-tema hija *Smart Money Talks*, u tenfasizza l-valur tad-djalogu miftuħ, tal-informazzjoni kredibbli u tal-ħsieb kritiku. F'era fejn l-informazzjoni hija abbundanti iżda mhux dejjem preċiża, din it-tema hija aktar rilevanti minn qatt qabel.

### *Il-kuntest Malti: L- interess fl-ishma dejjem jikber*

F'Malta, l-ishma ilhom parti mill-kultura finanzjarja għal bosta snin, speċjalment permezz tal-parteċipazzjoni fil-Borża ta' Malta. Il-Borża ta' Malta ilha topera għal ħafna snin, u matul dan il-perijodu kien hemm żjieda sostanzjali fil-parteċipazzjoni ta' investituri żgħar u medji. Illum, ħafna kumpaniji Maltin jagħżlu li jiffinanzjaw

l-operat tagħhom permezz ta' ħruġ ta' ishma u bonds, u dan joħloq opportunità għall-investituri biex jipparteċipaw fit-tkabbir ta' intrapriżi lokali. Madanakollu, dan l-interess li dejjem jikber jagħmel l-edukazzjoni finanzjarja aktar kruċjali, speċjalment meta wieħed iqis li ħafna investituri Maltin għadhom jiddependu fuq informazzjoni limitata jew fuq pariri mhux dejjem verifikati. Hawnhekk tidħol *Global Money Week*, li tfakkarna li *Smart Money Talks*, li jfisser ukoll li l-investitur Malti għandu jkun kapaċi jifhem id-dokumenti tal-prospetti, jevalwa r-riskji, u jagħżel b'mod infurmat bejn opportunitajiet differenti fis-suq lokali. Wieħed m'għandux jillimita l-għażla tiegħu fuq l-ammont ta' dividends li se jingħataw jew ir-rata tal-interess.

Madanakollu, dan l-interess jiġi wkoll b'ċerti sfidi. Il-ħtieġa għal aktar għarfien dwar ir-riskji, il-ħtieġa li wieħed jifhem id-drittijiet tiegħu bħala investitur, u l-importanza li wieħed jikkonsulta sorsi affidabbli huma kollha elementi li spiss jiġu injorati. Hawnhekk tidħol *Global Money Week*, li tfakkarna li l-edukazzjoni finanzjarja mhijiex biss għal studenti jew professjonisti – hija għal kulħadd.

### *"Smart Money Talks": X'jimplika dan għall-investituri individwali Maltin?*

It-tema ta' din is-sena tista' tiġi tradotta f'numru ta' prinċipji prattiċi għall-investituri Maltin, speċjalment dawk li huma membri tal-MASS jew li jipparteċipaw regolarment fis-suq lokali.

1. Ftehim ċar tar-riskji u l-opportunitajiet

Investiment fl-ishma jista' jkun ta' benefiċċju fit-tul, iżda jġib miegħu wkoll volatilità u inċertezza. *Smart Money Talks* tfakkarna li investitur għandu jifhem mhux biss il-potenzjal ta' qligħ, iżda wkoll x'jista' jmur ħażin. Dan ifisser li wieħed għandu jifhem il-kumpanija li jkun qed jinvesti fiha, is-settur tagħha, u l-kundizzjonijiet tas-suq.

2. Staqsi l-mistoqsijiet it-tajba

Investitur intelliġenti ma jibżax jistaqsi. Dan jista' jinkludi mistoqsijiet bħal:

– X'inhu l-mudell tan-negozju tal-kumpanija?

– Kif qed jiġi ġestit id-dejn tagħha?

– X'inhuma r-riskji ewlenin?

– Kemm hi trasparenti l-informazzjoni ppubblikata?

Il-kultura ta' mistoqsijiet informati hija essenzjali biex jiġu evitati deċiżjonijiet mgħaġġla jew ibbażati fuq suppożizzjonijiet.

3. Agħżel sorsi kredibbli

F'era ta' informazzjoni immedjata, mhux kull sors huwa affidabbli. Investituri għandhom jikkonsultaw dokumenti uffiċjali, rapporti regolatorji, u komunikazzjonijiet minn istituzzjonijiet li għandhom mandat ċar ta' trasparenza. L-użu ta' sorsi mhux verifikati jista' jwassal għal deċiżjonijiet żbaljati u għal riskji mhux meqjusa.

4. Parteċipazzjoni responsabbli fis-suq lokali

Is-suq lokali għandu rwol importanti fl-ekonomija Maltija. Meta investituri jieħdu deċiżjonijiet infurmati u responsabbli, mhux biss jipproteġu lilhom infushom, iżda jikkontribwixxu wkoll għal suq aktar b'saħħtu u trasparenti. Dan jgħin biex jinbena ambjent fejn il-kumpaniji jistgħu jikbru, jinvestu u joħolqu opportunitajiet ġodda.



### *Il-valur tad-djalogu u l-edukazzjoni kontinwa*

*Smart Money Talks* mhijiex biss slogan – hija stedina biex nibnu kultura fejn id-djalogu dwar il-finanzi personali jsir normali u mhux tabù. F'Malta, fejn ħafna drabi l-finanzi jitqiesu bħala suġġett privat wisq, hemm bżonn ta' aktar spazji fejn l-individwi jistgħu jitgħallmu, jistaqsu u jiddiskutu mingħajr ġudizzju.

L-edukazzjoni finanzjarja mhijiex avveniment ta' darba. Hija proċess kontinwu li jeħtieġ

aġġornament regolari, speċjalment f'suq li qed jinbidel b'pass mgħaġġel. L-inizjattivi bħal *Global Money Week* jgħinuna nfakkru lilna nfusna li l-għarfien finanzjarju huwa għodda importanti – għodda li tgħinna nieħdu deċiżjonijiet aktar intelliġenti u aktar siguri.

**Konklużjoni: Lejn kultura ta' investiment aktar matura**

Malta għandha potenzjal kbir biex tkompli tiżviluppa suq kapitali b'saħħtu u parteċipattiv. Iżda dan jista' jseħħ biss jekk l-investituri – kemm ġodda kif ukoll dawk b'esperjenza – ikollhom l-għarfien u l-għodod meħtieġa biex jieħdu deċiżjonijiet infurmati. *Global Money Week* tfakkarna li l-edukazzjoni finanzjarja mhijiex lussu, iżda ħtieġa.

Il-flus ma jitkellmux waħedhom – aħna rridu nitkellmu dwarhom, nifhmuhom u nieħdu ħsiebhom. U meta nagħmlu dan b'mod infurmat u responsabbli, inkunu qed nibnu futur finanzjarju aktar sigur għalina u għall-komunità tagħna.

# MIN JIRĊIEVI N-NEWSLETTER

Għeżież membri, aħna qed nibagħtu n-Newsletter: Shareholders' News kważi kull xahar bil-posta lil dawk il-membri kollha li jħallsu l-miżata regolarment, kif ukoll dawk li jixtiquha permezz tal-imejl. B'dan il-mezz tal-aħħar inkunu qed niffrankaw il-posta li għoliet ħafna.

Dawk il-membri li ma jħallsux il-miżata u li huma mniżżlin fl-indirizzi tagħna bħala *The Resident*, il-fuljett ma jirċevuhx regolarment.

Lil dawn il-membri, aħna nibagħtulhom il-fuljett *at random*, minn fuq lista ta' aktar minn 3,000 indirizz li għandna.

Inħeġġeġ lil dawn il-membri (The Residents) biex jibdew iħallsu l-miżata, ħalli jibdew jirċievu dan il-magażin kull xahar, kif ukoll jieħdu l-benefiċċji kollha mill-Assoċjazzjoni, fosthom li jattendu laqgħat u konferenzi, inkluż xi bibiti.

## Appell għal-Laqgħa Ġenerali tal-MASS

***Minn Anthony Farrugia - President***



Għeżież Membri,

Nixtieq nappella u nħeġġeġ lill-membri tal-MASS, sabiex fis-17 ta' Marzu 2026, tattendu għal-Laqgħa Ġenerali Annwali tagħna tal-MASS, li se ssir fis-6.00 pm, fid-Danish Village, l-Għadira, il-Mellieħa. Għal dan il-għan se nipprovdu trasport mill-Furjana.

Is-sena li għaddiet il-MASS reġgħet kellha sena rekord ta' impenji u laqgħat u għaldaqstant ejjew ħa tisimgħu x'għamilna biex nipproteġu l-azzjonisti membri tagħna. Nappellawlkom biex waqt il-laqgħa tagħmlu suġġerimenti u proposti, ħalli nkomplu ntejbu l-qagħda tal-investituri.

Inħeġġiġkom tikkontestaw għall-Kumitat, u l-attendenza tagħkom fil-laqgħa lilna tagħmlilna iżjed kuraġġ biex inkomplu naħdmu sabiex nipproteġu l-investitur iż-żgħir. Ma ninsewx ħidmet l-Assoċjazzjoni, u li fl-għaqda hemm is-saħħa. Nirringrazzjawkom bil-quddiem tal-attendenza u l-appoġġ.

**Malta Association of Minority Shareholders & Retail Investors VO 0629**
C/O Malta Stock Exchange Plc.
Garrison Chapel, Castille Place, Valletta VLT 1063
E-mail: info@mass.org.mt
Website: www.mass.org.mt
Mob. 99494878

Data 1 ta' Marzu 2026

**Ċirkolari-Avviż għal-Laqgħa Ġenerali Annwali (LĠA) tal-MASS 2026**

Għażiż/a Membru,

Wasalna fi tmiem ta' Kumitat ieħor. Dan jinbidel jew jiġi kkonfermat kull sena. Din il-laqgħa tkun ta' importanza kbira għax fiha jintgħata rendikont ta' dak li sar f'din l-aħħar sena. Jintgħata wkoll rapport finanzjarju. Fl-aħħar issir il-ħatra tal-Kumitat il-ġdid tal-MASS. Qabel tibda l-laqgħa, sakemm ikollna l-kworum, ikollna ħin għad-diskussjoni biex nitkellmu fuq suġġetti attwali u intom il-membri tkunu tistgħu titkellmu fuq xi esperjenzi li kellkom f'dawn l-aħħar xhur.

**Inħeġġiġkom tagħmlu s-suġġerimenti u l-kritika tagħkom u min jixtieq, sa ġurnata qabel il-laqgħa, jista' jressaq xi emendi jew mozzjonijiet għall-Istatut.**

Il-laqgħa se ssir:

**It-Tlieta 17 ta' Marzu 2026, fid-Danish Village, l-Għadira, il-Mellieħa fis-6.00 pm.**
**(Parkeġġ provdut) (Trasport mill-Furjana) (Min se jattendi irid jibbukkja).**

Inħeġġeġ lil dawk li jħossu li jistgħu jagħtu sehemhom fil-Kumitat il-ġdid, biex jersqu sabiex jiġu nnominati. Għal dan il-għan, hawn taħt tistgħu tinnominaw u tissekondaw membri għall-Kumitat il-ġdid biex imexxi fis-sena li ġejja.

Dejjem Tiegħek

Tarcisio Barbara
Viċi-President u PRO

Nominazzjoni għall-Elezzjoni għall-Membri tal-Kumitat
Malta Association of Minority Shareholders & Retail Investors VO 0629
Laqgħa Ġenerali Annwali **It-Tlieta 17 ta' Marzu 2026**
Il-Kandidat u min jipproponih, iridu jkunu membri li ħallsu t-tessera għas-Sena 2025
(IKTEB B'ITTRI KBAR)

Nipproponu lil: ____________________________________________
Propost minn: ____________________________________________
Firma ____________________________ I.D. No __________________
Sekondat minn: ____________________________________________
Firma ____________________________ I.D. No.__________________

……... ……………………………………………………………………………………………………

Jiena, (KANDIDAT)____________________________________
Naċċetta li nkun kandidat għall-Elezzjoni tal-Kumitat 2026 u li nimxi skont l-Istatut tal-MASS.
Firma ____________________________ I.D. No__________________
Data: ________________________

L-applikazzjoni tista' tibgħatha bil-posta, jew skennjata u mibgħuta b'imejl lil: info@mass.org.mt.
Applikazzjonijiet jintlaqgħu għand il-Kumitat sal-12:00 pm ta' nhar il-Erbgħa 13 ta' Marzu 2026.

---

Għall-użu tal-Kumitat:
Il-Formola tal-applikazzjoni waslet għand is-Segretarju nhar ______________________
Il-persuni iffirmati hawn fuq huma tassew membri bit-tessera mħallsa u għalhekk il-kandidat imsemmi jista' jikkontesta l-elezzjoni għall-Kumitat 2026.

# Avviżi

## IL-111-IL KONFERENZA TA' MARZU

**Data:** L-Erbgħa 11 ta' Marzu 2026
**Suġġett:** Mandatory vs Voluntary Bids and the Rights of Shareholders
**Kelliema:** Is-Sa Lorraine Vella u s-Sur Gabriel Aquilina – MFSA
**Post:** Borża ta' Malta, il-Belt Valletta (Kafè fis-5:30pm u l-laqgħa tibda fis-6:00pm)

## LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI TAL-MASS

**Data:** It-Tlieta 17 ta' Marzu 2026
Jintgħataw ir-Rapporti tal-Ħidma u Rendikont Finanzjarju tal-MASS.
Jinħatar Kumitat ġdid għas-sena 2026/2027.
**Post:** Danish Village, l-Għadira, il-Mellieħa.
Ħin fis-6:00pm

**Trasport minn ħdejn il-Mall tal-Furjana fil-16.45 (4.45pm).**
**Importanti li kull min se jattendi jrid jibbukkja jew b'imejl, messaġġ, jew fuq mobajl 99494878 u jagħti ismu u l-ID.**

## IL-112-IL KONFERENZA TA' APRIL

**Data:** L-Erbgħa 15 ta' April 2026
**Suġġett:** Informazzjoni fuq SEPA Payments u SWIFT
**Kelliema:** Sur Edward Magro *Deputy Head Payments and Banking Department*
Sur Kirsten Ellul *Manager Payments Policy and Compliance Office*
It-tnejn, mill-Bank Ċentrali ta' Malta
**Post:** Binja Laparelli, Bank Ċentrali ta' Malta, Il-Belt Valletta
Ħin fis-6:00pm Kafe, fis-6:30pm Konferenza

**Importanti li kull min se jattendi jrid jibbukkja jew b'imejl, messaġġ, jew fuq mobajl 99494878 u jagħti ismu u l-ID u kulħadd irid iġib il-karta tal-identità miegħu.**

**Qed jiġu ppjanati konferenzi oħrajn fuq suġġetti importanti li dwarhom membri tal-MASS qed juru interess. Dawn il-konferenzi se jiġu mħabbra fil-ġimgħat li ġejjin permezz ta' imejl.**

### MEMBERSHIP APPLICATION FORM (IKTEB B'ITTRI KBAR)

NIXTIEQ INSIR MEMBRU / INĠEDDED IS-SĦUBIJA TAL-
**MALTA ASSOCIATION OF MINORITY SHAREHOLDERS & RETAIL INVESTORS.**

Isem u kunjom: ______________________

Indirizz: ______________________

Kodiċi Postali: ______________ ID: ______________

Tel ____________ Mowbajl____________ Imejl: ______________

Qed nibgħat ċekk ta' €_______, f'isem il-MASS.

MASS C/O Malta Stock Exchange Plc. Garrison Chapel, Castille Place, Valletta VLT 1063

**Jien niddikjara li nimxi skont l-Istatut u l-aġġornamenti tiegħu.**

**Statut jinsab fuq il-Website tal-MASS**

FIRMA: ______________ DATA: ______________

**Il-ħlas għas-sħubija:**
**Sentejn – EUR 10.00**
**Ħames snin – EUR 20.01**
**50% skont lill-istudenti**

## Companies Supporting the Malta Association of Minority Shareholders & Retail Investors (MASS)

### DIAMOND

MALTA STOCK EXCHANGE

### PLATINUM

INTERNATIONAL HOTEL INVESTMENTS P.L.C.

APS bank – values you can bank on

BOV – Bank of Valletta

HSBC

### GOLD

HARVEST

MALTA INTERNATIONAL AIRPORT

M&Z

moneybase

bmit

### SILVER

Convenience Online

FIMBANK

GO

LOMBARD

LOQUS – BUSINESS INTELLIGENCE

MEDSERV REGIS

PG plc

Farsons

malta post

SANTUMAS SHAREHOLDINGS plc

MAIN STREET – SHOPPING COMPLEX • PAOLA

MAPFRE MIDDLESEA

MIDI

Plaza

### BRONZE

TRIDENT ESTATES PLC

Malta Properties

VBL Group

Jesmond Mizzi

AX GROUP